MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 505/2012

**Mobisle Communications Limited C-24655**

**vs.**

**Frendo Paula-Claire K.I. 240694(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' erba' mija u tmien Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€408.68), in konnessjoni ma' servizzi ta' telekomunikazzjoni kont numru *A/C50938636* reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta, a tenur ta' żewġ kuntratti datati 6 ta' Lulju 2009 u 8 ta' Lulju 2009;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ erba’ mija u tmien Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€408.68), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta’ Lulju 2011, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 2782/2011, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------